SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Ir-Raba' Awla)

20 ta' Settembru 2018 *

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Għajnuna mill-Istat – Artikolu 108(3) TFUE – Regolament (KE) Nru 794/2004 – Skemi ta' għajnuna nnotifikati – Artikolu 4 – Tibdil lill-għajnuna eżistenti – Żieda sinjifikattiva tad-dħul mit-taxxi allokati għall-finanzjament ta' skemi ta' għajnuna meta mqabbel mal-istimi nnotifikati lill-Kummissjoni Ewropea – Limitu ta' 20 % tal-baġit inizjali"

Fil-Kawża C-510/16,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Conseil d'État (il-Kunsill tal-Istat, Franza), permezz ta' deċiżjoni tal-21 ta' Settembru 2016, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fid-29 ta' Settembru 2016, fil-proċedura

Carrefour Hypermarchés SAS,

Fnac Paris,

Fnac Direct,

Relais Fnac,

Codirep,

Fnac Périphérie

vs

Ministre des Finances et des Comptes publics,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Ir-Raba' Awla),

komposta minn T. von Danwitz (Relatur), President tal-Awla, C. Vajda, E. Juhász, K. Jürimäe u C. Lycourgos, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: N. Wahl,

Reġistratur: V. Giacobbo-Peyronnel, Amministratur,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tal-21 ta' Settembru 2017,

* Lingwa tal-kawża: il-Franċiż.

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

– għal Carrefour Hypermarchés SAS, Fnac Paris, Fnac Direct, Relais Fnac, Codirep u Fnac Périphérie, minn C. Rameix-Seguin u É. Meier, avukati,

– għall-Gvern Franċiż, minn D. Colas u J. Bousin, bħala aġenti,

– għall-Gvern Elleniku, minn S. Charitaki u S. Papaioannou, bħala aġenti,

– għall-Gvern Taljan, minn G. Palmieri, bħala aġent, assistita minn S. Fiorentino, avvocato dello Stato,

– għall-Kummissjoni Ewropea, minn B. Stromsky u K. Blanck-Putz, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tat-30 ta' Novembru 2017,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 108(3) TFUE, kif ukoll tal-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 794/2004 tal-21 ta' April 2004 li implimenta r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999 li jippreskrivi regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' l-Artikolu [108 TFUE] (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 08, Vol. 4, p. 3, rettifika fil-ĠU 2015, 2005, L 72, p. 89).

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' kawżi bejn Carrefour Hypermarchés SAS, Fnac Paris, Fnac Direct, Relais Fnac, Codirep u Fnac Périphérie, minn naħa, u l-ministre des Finances et des Comptes publics (il-Ministru għall-Finanzi u Kontijiet Pubbliċi, Franza), min-naħa l-oħra, dwar il-ħlas lura ta' taxxa fuq il-bejgħ u l-kiri ta' reġistrazzjonijiet vidjo mħallsa minn dawn il-kumpanniji.

Il-kuntest ġuridiku

Ir-Regolament (KE) Nru 659/1999

3 L-Artikolu 1 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999 tat-22 ta' Marzu 1999 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' l-Artikolu [108 TFUE] (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 1, p. 339), jipprovdi li:

"Għall-għan ta' dan ir-Regolament:

(a) 'għajnuna' għandha tfisser kull miżura li taderixxi l-kriterja kollha mqiegħda fl-Artikolu [107(1) TFUE];

(b) 'għajnuna eżistenti' għandha tfisser:
   (i) […] l-għajnuna kollha li eżistiet qabel id-dħul fis-seħħ tat-Trattat [FUE] fi Stati Membri rispettivi, li jfisser, skemi ta' għajnuna u għajnuna individwali li daħħlu fis-seħħ qabel, u għadhom jgħoddu wara, id-dħul fis-seħħ tat-Trattat;
   (ii) għajnuna awtorizzata, li tfisser, skemi ta' għajnuna u għajnuna individwali li kienu awtorizzati mill-Kummissjoni jew mill-Kunsill;

[…]

(ċ) ‘għajnuna ġdida’ għandha tfisser kull għajnuna, jiġifieri, skemi ta’ għajnuna u għajnuna individwali, li m’hijiex għajnuna eżistenti, li jinkludu tibdil lill-għajnuna eżistenti;

[…]”

Ir-Regolament Nru 794/2004

4 Skont il-premessa 4 tar-Regolament Nru 794/2004:

“Fl-interessi taċ-ċertezza legali huwa xieraq li jingħamel ċar li żidiet żgħar sa 20 % ta’ l-estimi oriġinali [baġit inizjali] ta’ skema ta’ għajnuna, b’mod partikolari biex jingħata kont ta’ l-effetti ta’ l-inflazzjoni, ma jkunux meħtieġa li jiġu notifikati lill-Kummissjoni billi x’aktarx ma jeffettwawx l-istima oriġinali tal-Kummissjoni tal-kompatibilità ta’ l-iskema, kemm-il darba l-kondizzjonijiet l-oħra ta’ l-iskema ta’ għajnuna jibqgħu mhux mibdula.”

5 L-Artikolu 4 ta’ dan ir-regolament, intitolat “Proċeduri simplifikati ta’ notifikazzjoni għal ċerti alterazzjonijiet għal għajnuna eżistenti”, jipprovdi li:

“1. Għall-għanijiet ta’ l-Artikolu 1(ċ) tar-Regolament [Nru 659/1999], alterazzjoni għal għajnuna eżistenti tfisser xi bidla, minbarra modifikazzjonijiet ta’ natura purament formali jew amministrattiva li ma jistux jeffettwaw l-evalwazzjoni tal-kompatibilità tal-miżura ta’ l-għajnuna mas-suq komuni. Iżda żieda fl-estimi oriġinali [baġit inizjali] ta’ skema eżistenti ta’ għajnuna sa 20 % m’għandhiex titqies bħala alterazzjoni għall-għajnuna eżistenti.

2. L-alterazzjonijiet li ġejjin għall-għajnuna eżistenti għandhom jiġu notifikati fuq il-formola simplifikata ta’ notifikazzjoni preskritta fl-Anness II:

(a) żieda fl-estimi ta’ skema awtorizzata għall-għajnuna li teċċedi l-20 %;

[…]”

Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

6 Permezz tad-Deċiżjoni C (2006) 832 final, tat-22 ta’ Marzu 2006 (Għajnuna mill-Istat NN 84/2004 u N 95/2004 — Franza, skemi ta’ għajnuna għall-industrija taċ-ċinema u awdjoviżiva) (iktar ’il quddiem id-“deċiżjoni tal-2006”), il-Kummissjoni ddikjarat kompatibbli mas-suq intern diversi skemi ta’ għajnuna għall-industrija taċ-ċinema u awdjoviżiva stabbiliti mir-Repubblika Franċiża. Dawn l-iskemi huma ffinanzjati miċ-Centre national du cinéma et de l’image animée (iċ-Ċentru Nazzjonali taċ-Ċinematografija u l-Immaġni Animata, iktar ’il quddiem iċ-“CNC”), li l-baġit tiegħu joriġina essenzjalment mid-dħul minn tliet taxxi, jiġifieri t-taxxa fuq biljetti taċ-ċinema, it-taxxa fuq is-servizzi televiżivi u t-taxxa fuq il-bejgħ u l-kiri ta’ reġistrazzjonijiet vidjo għall-użu privat tal-pubbliku (iktar ’il quddiem flimkien it-“tliet taxxi”).

7 Permezz tad-Deċiżjoni C (2007) 3230 final, tal-10 ta’ Lulju 2007 (Għajnuna mill-Istat Nru 192/2007 — Franza, emenda tal-iskema ta’ għajnuna Nru 84/2004 – Appoġġ lis-Setturi taċ-Ċinema u tal-Produzzjoni Awdjoviżiva fi Franza – Modernizzazzjoni tal-iskema ta’ kontribuzzjoni tas-settur televiżiv għall-kont tal-appoġġ lill-industrija taċ-ċinema u awdjoviżiva) (iktar ’il quddiem id-“deċiżjoni tal-2007”), il-Kummissjoni approvat tibdil fil-metodu ta’ finanzjament tal-imsemmija skemi ta’ għajnuna, wara riforma tat-taxxa fuq is-servizzi televiżivi.

8 Ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali talbu l-ħlas lura tat-taxxa fuq il-bejgħ u l-kiri ta' reġistrazzjonijiet vidjo għall-użu privat tal-pubbliku li huma ħallsu matul is-snin 2008 u 2009 għal dak li jikkonċerna Carrefour Hypermarchés, u matul is-snin 2009 sa 2011 għal dak li jikkonċerna l-kumpanniji l-oħra. Huma jsostnu li din it-taxxa nġabret bi ksur tal-Artikolu 108(3) TFUE, peress li r-Repubblika Franċiża ma nnotifikatx lill-Kummissjoni biż-żieda li sar fir-rigward tad-dħul globali mit-tliet taxxi bejn is-sena 2007 u 2011 (iktar 'il quddiem il-"perijodu inkwistjoni"). Skont ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali, li jibbażaw ruħhom fuq rapport tal-Cour des comptes (il-Qorti tal-Awdituri, Franza) mħejji f'Awwissu 2012 dwar it-tmexxija u l-finanzjament taċ-CNC (iktar 'il quddiem ir-"rapport tal-Qorti tal-Awdituri"), din iż-żieda wasslet għal tibdil sostanzjali għall-metodu ta' finanzjament tal-iskemi ta' għajnuna, li jaqbez il-limitu ta' 20 % ffissat mill-Artikolu 4 tar-Regolament Nru 794/2004.

9 F'dan il-kuntest, il-qorti tar-rinviju tesponi li, filwaqt li d-deċiżjoni tal-2007 kienet tirrapporta stimi li skonthom ir-riforma tat-taxxa fuq is-servizzi televiżivi, li minnha essenzjalment oriġinat iż-żieda fir-riżorsi taċ-CNC matul il-perijodu inkwistjoni, setgħet, fl-aħjar każ possibbli, twassal għal żieda tad-dħul minn din it-taxxa li tammonta għal EUR 16.5 miljun kull sena, fir-realtà din iż-żieda kienet, skont ir-rapport tal-Qorti tal-Awdituri, ta' medja ta' EUR 67 miljun matul dan il-perijodu. Għaldaqstant, il-Kummissjoni bbażat id-deċiżjoni tal-2007 fuq stimi li sussegwentement irriżultaw li ma kinux eżatti.

10 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Conseil d'État (il-Kunsill tal-Istat, Franza) iddeċieda li jissospendi l-proċeduri quddiemu u li jagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1) Fil-każ ta' skema ta' għajnuna iffinanzjata minn riżorsi allokati, meta Stat Membru b'mod regolari nnotifika, qabel l-implementazzjoni tagħhom, bil-modifiki legali li għandhom effett sostanzjali fuq din l-iskema, u b'mod partikolari dawk li jikkonċernaw il-metodu ta' finanzjament tagħha, żieda kbira tad-dħul mir-riżorsi fiskali allokati lill-iskema meta mqabbel mal-previżjonijiet ipprovduti lill-[Kummissjoni], tikkostitwixxi modifika sostanzjali fis-sens tal-[Artikolu 108(3) TFUE], ta' natura li tiġġustifika notifika ġdida?

2) F'dan l-istess każ, kif għandu japplika l-Artikolu 4 tar-[Regolament Nru 794/2004], li skontu żieda ta' iktar minn 20 % tal-estimi oriġinali ta' skema ta' għajnuna eżistenti tikkostitwixxi alterazzjoni ta' din l-iskema ta' għajnuna, u, b'mod partikolari:
   a) dan kif jingħaqad man-natura preliminari tal-obbligu ta' notifika ta' skema ta' għajnuna stabbilita fl-[Artikolu 108(3) TFUE]:
   b) jekk il-qbiż ta' dan il-limitu ta' 20 % tal-estimi oriġinali ta' skema ta' għajnuna eżistenti previst fl-Artikolu 4 [tar-Regolament Nru 794/2004] jiġġustifika notifika ġdida, dan il-limitu għandu jiġi evalwat b'rabta mal-ammont tad-dħul allokat lill-iskema ta' għajnuna jew b'rabta mal-ispejjeż effettivament allokati lill-benefiċjarji, bl-esklużjoni tas-somom imqiegħda f'riżerva jew ta' dawk li ġew issuġġettati għal taxxi favur l-Istat:
   c) jekk wieħed jippreżupponi li l-osservanza ta' dan il-limitu ta' 20 % għandha tiġi evalwata b'rabta mal-ispejjeż iddedikati għall-iskema ta' għajnuna, tali evalwazzjoni għandha titwettaq bi tqabbil tal-limitu globali ta' spiża li jinsab fid-deċiżjoni ta' approvazzjoni mal-estimi globali allokati sussegwentement għall-għajnuna kollha mill-organu li jwettaq l-allokazzjonijiet, jew bi tqabbil tal-limiti nnotifikati skont kull waħda mill-kategoriji ta' għajnuna identifikati f'din id-deċiżjoni mal-linja ta' estimi korrispondenti ta' dak l-organu?"

Fuq id-domandi preliminari

Fuq l-ammissibbiltà

11 Il-Gvern Taljan isostni li d-domandi preliminari huma ipotetiċi u, konsegwentement, inammissibbli.

12 Madankollu, permezz ta' dawn id-domandi, il-qorti tar-rinviju essenzjalment tixtieq tiddetermina jekk it-tliet taxxi ġewx miġbura, matul il-perijodu inkwistjoni, bi ksur tal-Artikolu 108(3) TFUE. L-imsemmija domandi jagħmlu parti minn kawża li tirrigwarda talbiet għal rimbors ta' waħda minn dawn it-taxxi, jiġifieri it-taxxa fuq il-bejgħ u l-kiri ta' reġistrazzjonijiet vidjo għall-użu privat tal-pubbliku. Barra minn hekk din il-qorti tibbaża ruħha fuq il-premessa li din it-taxxa tifforma effettivament parti integrali minn miżura ta' għajnuna fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE. F'dawn iċ-ċirkustanzi, dawn l-istess domandi għandhom rabta diretta mas-suġġett tal-kawża prinċipali u għaldaqstant ma humiex purament ipotetiċi. Konsegwentement, id-domandi preliminari huma ammissibbli.

Fuq il-mertu

13 Permezz tad-domandi tagħha, li għandhom jiġu eżaminati flimkien, il-qorti tar-rinviju essenzjalment tistaqsi jekk żieda sinjifikattiva tad-dħul mit-taxxi li huma intiżi jiffinanzjaw diversi skemi ta' għajnuna awtorizzati meta mqabbel mal-istimi nnotifikati lill-Kummissjoni, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, tikkostitwixxix tibdil lill-għajnuna eżistenti, fis-sens tal-Artikolu 1(ċ) tar-Regolament Nru 659/1999 u tal-ewwel sentenza tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament Nru°794/2004, moqrija fid-dawl tal-Artikolu 108(3) TFUE. F'dan ir-rigward hija tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja, b'mod partikolari, dwar il-mod kif għandu jiġi evalwat il-limitu ta' 20 % previst fit-tieni sentenza tal-Artikolu 4(1) ta' dan ir-regolament tal-aħħar u dwar il-punt jekk dan il-limitu għandux jiġi eżaminat meta mqabbel mad-dħul allokat lill-iskemi ta' għajnuna inkwistjoni fil-kawża prinċipali jew meta mqabbel mal-għajnuna effettivament allokata.

14 Preliminarjament, il-Qorti tal-Ġustizzja ripetutament iddeċidiet li t-taxxi ma jidħlux fil-kamp ta' applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tat-Trattat li jikkonċernaw l-għajnuna mill-Istat sakemm dawn ma jikkostitwixxux il-metodu ta' finanzjament ta' miżura ta' għajnuna, b'tali mod li huma jagħmlu parti integrali minn din il-miżura. Meta l-metodu ta' finanzjament ta' għajnuna permezz ta' taxxa jagħmel parti integrali mill-miżura ta' għajnuna, il-konsegwenzi li jirriżultaw mill-ksur, min-naħa tal-awtoritajiet nazzjonali tal-projbizzjoni tal-eżekuzzjoni msemmija fl-aħħar sentenza tal-Artikolu 108(3) TFUE, jestendu wkoll għal dan l-aspett tal-miżura ta' għajnuna, b'tali mod li l-awtoritajiet nazzjonali huma obbligati, fil-prinċipju, jirrimborsaw it-taxxi miġbura bi ksur tad-dritt tal-Unjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-13 ta' Jannar 2005, Streekgewest, C-174/02, EU:C:2005:10, punti 16, 24 u 25; tas-27 ta' Ottubru 2005, Distribution Casino France *et*, C-266/04 sa C-270/04, C-276/04 u C-321/04 sa C-325/04, EU:C:2005:657, punt 35; tas-7 ta' Settembru 2006, Laboratoires Boiron, C-526/04, EU:C:2006:528, punt 43 u l-ġurisprudenza ċċitata, kif ukoll tal-10 ta' Novembru 2016, DTS Distribuidora de Televisión Digital vs Il-Kummissjoni, C-449/14 P, EU:C:2016:848, punt 65 u l-ġurisprudenza ċċitata).

15 Sa fejn il-qorti tar-rinviju tirreferi, fil-kliem tad-domandi tagħha lill-Qorti tal-Ġustizzja, għall-każ ta' "skema ta' għajnuna iffinanzjata minn riżorsi allokati", hemm lok li d-domandi preliminari jinftiehma bħala li huma bbażati fuq il-premessa li, matul il-perijodu inkwistjoni, it-tliet taxxi kienu jagħmlu parti integrali mill-iskemi ta' għajnuna kkonċernati.

16 Huwa minnu li, fil-kuntest tat-tieni domanda, il-qorti tar-rinviju stabbilixxiet distinzjoni bejn id-dħul taċ-CNC allokat lill-iskemi ta' għajnuna inkwistjoni fil-kawża prinċipali u l-ispejjeż effettivament allokati lill-benefiċjarji ta' dawn l-iskema, billi rreferiet għal somom imqiegħda fir-riżerva u għal imposti favur il-baġit ġenerali tal-Istat. Madankollu, għalkemm dawn l-elementi jistgħu jirriżultaw ukoll rilevanti sabiex jiġi eżaminat jekk, matul il-perijodu inkwistjoni, it-tliet taxxi kinux jagħmlu parti integrali mill-imsemmija skemi, il-qorti tar-rinviju tinvokahom biss sabiex tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar ir-rilevanza tagħhom fil-kuntest tal-eżami tal-osservanza tal-limitu ta' 20 % previst fit-tieni sentenza tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament Nru°794/2004.

17 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li, fil-kuntest tal-kooperazzjoni bejn il-Qorti tal-Ġustizzja u l-qrati nazzjonali, kif prevista fl-Artikolu 267 TFUE, hija biss il-qorti nazzjonali, li quddiemha titressaq il-kawża u li għandha tassumi r-responsabbiltà tad-deċiżjoni li tagħti, li għandha tevalwa, fid-dawl taċ-ċirkustanzi partikolari tal-kawża li tinsab quddiemha, kemm il-ħtieġa ta' deċiżjoni preliminari biex tkun f'pożizzjoni li tagħti d-deċiżjoni tagħha, kif ukoll ir-rilevanza tad-domandi li hija tressaq lill-Qorti tal-Ġustizzja (sentenzi tat-23 ta' Jannar 2018, F. Hoffmann-La Roche *et*, C-179/16, EU:C:2018:25, punt 44, kif ukoll tad-29 ta' Mejju 2018, Liga van Moskeeën en Islamitische Organisaties Provincie Antwerpen *et*, C-426/16, EU:C:2018:335, punt 30 u l-ġurisprudenza ċċitata). Il-Qorti tal-Ġustizzja tista' madankollu tagħti lill-qorti tar-rinviju l-elementi kollha ta' interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni li jistgħu jkunu utli għaliha sabiex tivverifika l-fondatezza tal-premessa li fuqha huma bbażati d-domandi preliminari (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-26 ta' Mejju 2016, Bookit, C-607/14, EU:C:2016:355, punti 22 sa 28).

18 Quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, il-Gvern Franċiż sostna li, matul il-perijodu inkwistjoni, it-tliet taxxi ma kinux jagħmlu parti integrali mill-iskemi ta' għajnuna inkwistjoni fil-kawża prinċipali partikolarment peress li ma kinet teżisti ebda korrelazzjoni finanzjarja bejn id-dħul minn dawn it-taxxi u l-ammont tal-għajnuna mogħtija u li, b'differenza minn dan id-dħul, dan l-ammont ma kienx żdied. Filwaqt li ammetta li d-dritt nazzjonali jipprevedi dispożizzjoni vinkolanti li talloka lill-imsemmi dħul għall-baġit taċ-CNC, li għandu l-għan li jiffinanzja dawn l-iskemi, dan il-Gvern sostna, fost oħrajn, li l-ammont żejjed li jirriżulta mid-differenza ta' bejn id-dħul mit-tliet taxxi u l-għajnuna effettivament mogħtija serva bħala kontribut għal fond ta' riżerva, intuża miċ-CNC għal finijiet differenti minn dawk tal-finanzjament tal-imsemmija skemi u ta' lok għal imposti, bis-saħħa ta' vot tal-Parlament Franċiż, favur il-baġit ġenerali tal-Istat. Dan l-argument ġie kkontestat mir-rikorrenti fil-kawża prinċipali u mill-Kummissjoni.

19 Għandu jitfakkar li, skont il-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, sabiex taxxa tkun tista' titqies li tagħmel parti integrali minn miżura ta' għajnuna, għandha teżisti rabta ta' allokazzjoni vinkolanti bejn it-taxxa u l-għajnuna bis-saħħa tal-leġiżlazzjoni nazzjonali rilevanti, fis-sens li d-dħul mit-taxxa huwa neċessarjament allokat lill-finanzjament tal-għajnuna u jinfluwenza direttament iż-żieda tagħha u, konsegwentement, l-evalwazzjoni tal-kompatibbiltà ta' din l-għajnuna mas-suq intern (sentenzi tat-22 ta' Diċembru 2008, Régie Networks, C-333/07, EU:C:2008:764, punt 99 u l-ġurisprudenza ċċitata, kif ukoll tal-10 ta' Novembru 2016, DTS Distribuidora de Televisión Digital vs Il-Kummissjoni, C-449/14 P, EU:C:2016:848, punt 68).

20 Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li, fil-każ li l-korp inkarigat mill-għoti tal-għajnuna ffinanzjata permezz ta' taxxa jkollu s-setgħa diskrezzjonali li jalloka d-dħul minn din it-taxxa għal miżuri li ma humiex dawk li għandhom il-karatteristiċi kollha ta' għajnuna fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE, tali fatt jista' jeskludi l-eżistenza ta' rabta ta' allokazzjoni vinkolanti bejn it-taxxa u l-għajnuna. Fil-fatt, fil-preżenza ta' tali setgħa diskrezzjonali, id-dħul mit-taxxa ma jistax jaffettwa direttament iż-żieda tal-vantaġġ mogħti lill-benefiċjarji ta' din l-għajnuna. Min-naħa l-oħra, tali rabta ta' allokazzjoni vinkolanti tista' teżisti meta d-dħul mit-taxxa huwa allokat b'mod integrali u esklużiv lill-għoti tal-għajnuna, anki ta' tipi differenti (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-13 ta' Jannar 2005, Pape, C-175/02, EU:C:2005:11, punt 16; tas-27 ta' Ottubru 2005, Distribution Casino France *et*, C-266/04 sa C-270/04, C-276/04 u C-321/04 sa C-325/04, EU:C:2005:657, punt 55, kif ukoll tat-22 ta' Diċembru 2008, Régie Networks, C-333/07, EU:C:2008:764, punti 102 u 104).

21 Barra minn hekk, mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li tali rabta ta' allokazzjoni vinkolanti tista' tkun nieqsa meta l-ammont tal-għajnuna mogħtija jkun iddeterminat biss skont kriterji oġġettivi, mingħajr ebda relazzjoni tad-dħul fiskali allokat, u suġġett għal valur massimu legali assolut (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-27 ta' Ottubru 2005, Distribution Casino France *et*, C-266/04 sa C-270/04, C-276/04 u C-321/04 sa C-325/04, EU:C:2005:657, punt 52).

22 Għaldaqstant, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset, b'mod partikolari, li rabta ta' allokazzjoni vinkolanti bejn it-taxxa u l-għajnuna tkun nieqsa fi-każ li l-ammont tal-għajnuna mogħti jkun iddeterminat skont kriterji li ma għandhomx relazzjoni mad-dħul fiskali allokat u fejn il-leġiżlazzjoni nazzjonali tipprevedi li l-ammont żejjed li jista' jifdal minn dan id-dħul meta mqabbel ma' din l-għajnuna għandu jiġi allokat mill-ġdid, skont il-każ, lil fond ta' riżerva jew lit-teżor pubbliku, peress li l-imsemmi dħul huwa suġġett, barra minn hekk, għal valur massimu assolut, b'tali mod li kwalunkwe ammont żejjed huwa wkoll allokat mill-ġdid lill-baġit ġenerali tal-Istat (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-10 ta' Novembru 2016, DTS Distribuidora de Televisión Digital vs Il-Kummissjoni, C-449/14 P, EU:C:2016:848, punti 70 sa 72).

23 Fil-każ ineżami, huwa l-obbligu tal-qorti tar-rinviju li tivverifika l-fondatezza tal-premessa tagħha li, matul il-perijodu inkwistjoni, it-tliet taxxi kienu jagħmlu parti integrali mill-iskemi ta' għajnuna inkwistjoni fil-kawża prinċipali b'teħid inkunsiderazzjoni tal-elementi esposti fil-punti 16 sa 22 tas-sentenza preżenti. F'dan ir-rigward, din il-qorti għandha, b'mod partikolari, teżamina jekk it-tqegħid fir-riżerva ta' parti mid-dħul taċ-CNC kellux l-effett li l-ammont ikkonċernat jiġi allokat mill-ġdid lil miżura li ma hijiex waħda minn dawk li għandhom il-karatteristiċi kollha ta' għajnuna, fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE u tevalwa l-impatt li jista' jkollha l-allokazzjoni mill-ġdid ta' parti minn dan id-dħul favur il-baġit ġenerali tal-Istat li seħħet matul il-perijodu inkwistjoni fuq l-eżistenza ta' rabta ta' allokazzjoni vinkolanti bejn dawn it-taxxa u dawn l-iskemi.

24 Ladarba dan kollu ġie kkjarifikat, id-domandi preliminari għandhom jiġu eżaminati billi wieħed jitlaq mill-premessa li, matul il-perijodu inkwistjoni, it-tliet taxxi kienu jagħmlu parti integrali mill-iskemi ta' għajnuna inkwistjoni fil-kawża prinċipali (ara, b'analoġija, is-sentenzi tal-25 ta' Ottubru 2017, Polbud – Wykonawstwo, C-106/16, EU:C:2017:804, punti 26 sa 28, kif ukoll tas-17 ta' April 2018, B u Vomero, C-316/16 u C-424/16, EU:C:2018:256, punt 42).

25 Għal dan il-għan għandu jitfakkar li, fil-kuntest tas-sistema ta' kontroll tal-għajnuna mill-Istat, stabbilita fl-Artikoli107 u 108 TFUE, il-proċedura tvarja skont jekk l-għajnuna hijiex eżistenti jew ġdida. Fil-fatt, filwaqt li l-għajnuna eżistenti tista, skont l-Artikolu 108(1) TFUE, tiġi implimentata b'mod regolati sakemm il-Kummissjoni ma tkunx ikkonstatat l-inkompatibbiltà tagħha, l-Artikolu 108(3) TFUE jipprevedi li l-proġetti intiżi sabiex tiġi stabbilita għajnuna ġdida jew sabiex tinbidel għajnuna eżistenti għandhom jiġu nnotifikati, fi żmien effettiv, lill-Kummissjoni u ma tistax tiġi implementata qabel ma l-proċedura tkun wasslet għal deċiżjoni finali (sentenzi tat-18 ta' Lulju 2013, P, C-6/12, EU:C:2013:525, punt 36 u l-ġurisprudenza ċċitata, kif ukoll tas-27 ta' Ġunju 2017, Congregación de Escuelas Pías Provincia Betania, C-74/16, EU:C:2017:496, punt 86).

26 Skont l-Artikolu 1(ċ) tar-Regolament Nru°659/1999, il-kunċett ta' "għajnuna ġdida" huwa ddefinit bħala "kull għajnuna, jiġifieri, skemi ta' għajnuna u għajnuna individwali, li m'hijiex għajnuna eżistenti, li jinkludu tibdil lill-għajnuna eżistenti". L-ewwel sentenza tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament Nru°794/2004 tipprovdi, f'dan ir-rigward, li "[g]ħall-għanijiet ta' l-Artikolu 1(ċ) tar-Regolament [Nru 659/1999], alterazzjoni għal għajnuna eżistenti tfisser xi bidla, minbarra modifikazzjonijiet ta' natura purament formali jew amministrattiva li ma jistux jeffettwaw l-evalwazzjoni tal-kompatibilità tal-miżura ta' l-għajnuna mas-suq [intern]". It-tieni sentenza tal-Artikolu 4(1) ta' dan ir-regolament tal-aħħar tipprovdi li, "[i]żda żieda fl-estimi oriġinali [baġit inizjali] ta' skema eżistenti ta' għajnuna sa 20 % m'għandhiex titqies bħala alterazzjoni għall-għajnuna eżistenti".

27 Sabiex il-qorti tar-rinviju tingħata risposta effettiva, għandu għalhekk jiġi ddeterminat dak li għandu jinftiehem bl-esprezzjoni "estimi oriġinali [baġit inizjali] ta' skema eżistenti ta' għajnuna" fis-sens ta' din id-dispożizzjoni u jiġi vverifikat jekk, fil-każ ineżami, iż-żieda tad-dħul globali mit-tliet taxxi għandhiex titqies li hija żieda fil-baġit inizjali tal-iskemi ta' għajnuna li għandu jiġi nnotifikat lill-Kummissjoni.

28 F'dan ir-rigward, sabiex jiġi ddeterminat il-kunċett ta' "estimi [baġit] ta' skema ta' għajnuna", fis-sens tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament Nru°794/2004, fl-assenza ta' definizzjoni prevista fil-leġiżlazzjoni rilevanti, hemm bżonn li jsir riferiment għat-tifsira komuni ta' dan il-kunċett fil-lingwa ta' kuljum, filwaqt li jittieħed kont tal-kuntest li fih jintuża u l-għanijiet li jridu jintlaħqu mil-leġiżlazzjoni li minnha jagħmel parti (ara, b'analoġija, is-sentenza tat-12 ta' Ġunju 2018, Louboutin u Christian Louboutin, C-163/16, EU:C:2018:423, punt 20 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

29 Skont it-tifsira komuni, il-kunċett ta' "baġit" jirreferi għas-somom li entità jkollha sabiex twettaq xi spejjeż.

30 Għal dak li jirrigwarda l-kuntest li fih dan il-kunċett intuża u l-għan li jrid jintlaħaq mill-Artikolu 4(1) tar-Regolament Nru°794/2004, għandu jiġi rrilevat li din id-dispożizzjoni timplimenta s-sistema ta' kontroll preventiv li jistabbilixxi l-Artikolu 108(3) TFUE fuq il-proġetti intiżi li jbiddlu għajnuna eżistenti, li fil-kuntest tagħhom il-Kummissjoni hija obbligata teżamina l-kompatibbiltà tal-għajnuna pproġettata mas-suq intern (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-12 ta' Frar 2008, CELF u ministre de la Culture et de la Communication, C-199/06, EU:C:2008:79, punti 37 u 38). Dan il-kontroll preventiv huwa intiż sabiex tiġi eżegwita biss għajnuna li hija kompatibbli mas-suq intern (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-21 ta' Novembru 2013, Deutsche Lufthansa, C-284/12, EU:C:2013:755, punti 25 u 26, kif ukoll tad-19 ta' Lulju 2016, Kotnik *et*, C-526/14, EU:C:2016:570, punt 36).

31 F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li, sabiex tkun f'pożizzjoni li teżamina jekk skema ta' għajnuna prevista minn Stat Membru tistax titqies li hija kompatibbli mas-suq intern, il-Kummissjoni għandha tkun tista' tevalwa l-effetti ta' din l-iskema fuq il-kompetizzjoni skont, fost oħrajn, il-baġit allokat mill-Istat Membru lill-imsemmija skema u li, għaldaqstant, l-obbligu li fin-notifiki jissemmew l-istimi tal-ammonti globali tal-għajnuna previsti huwa inerenti għas-sistema ta' kontroll preliminari tal-miżuri ta' għajnuna mill-Istat (ara, f'dan is-sens, id-digriet tat-22 ta' Marzu 2012, L-Italja vs Il-Kummissjoni, C-200/11 P, mhux ippubblikata, EU:C:2012:165, punti 47 sa 49).

32 Barra minn hekk, għandu jitfakkar li, skont il-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, fil-każ ta' skema ta' għajnuna, il-Kummissjoni tista' sempliċement teżamina l-karatteristiċi ġenerali tal-iskema inkwistjoni, mingħajr ma tkun obbligata teżamina kull każ ta' applikazzjoni partikolari (sentenzi tad-9 ta' Ġunju 2011, Comitato "Venezia vuole vivere" *et* vs Il-Kummissjoni, C-71/09 P, C-73/09 P u C-76/09 P, EU:C:2011:368, punt 130, kif ukoll tal-15 ta' Novembru 2011, Il-Kummissjoni u Spanja vs Government of Gibraltar u Ir-Renju Unit, C-106/09 P u C-107/09 P, EU:C:2011:732, punt 122).

33 Għaldaqstant, anki fil-każ li skema ta' għajnuna implimentata bi ksur tal-Artikolu 108(3) TFUE, il-kontroll tal-Kummissjoni jista' jkun limitat għall-karatteristiċi ġenerali ta' din l-iskema u ma għandhiex tirrigwarda l-għajnuna li tkun effettivament tħallset (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tad-29 ta' April 2004, Il-Greċja vs Il-Kummissjoni, C-278/00, EU:C:2004:239, punti 21 u 24).

34 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-kunċett ta' "estimi [baġit] ta' skema ta' għajnuna", fis-sens tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament Nru°794/2004, ma jistax jiġi pperċepti bħala li huwa limitat għall-ammont tal-għajnuna effettivament allokata, peress li dan l-ammont isir magħruf biss wara l-implimentazjoni tal-iskema ta' għajnuna kkonċernata. Fir-rigward tan-natura preventiva tal-kontroll stabbilit mill-Artikolu 108(3) TFUE, dan il-kunċett għandu, bil-kontra, jiġi interpretat bħala li jirreferi għall-ammont tal-baġit (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-20 ta' Mejju 2010, Todaro Nunziatina & C., C-138/09, EU:C:2010:291, punti 40 u 41), jiġifieri s-somom li l-korp inkarigat mill-għoti tal-għajnuna kkonċernata għandu għall-finijiet ta' dan l-għan, kif ġew innotifikati lill-Kummissjoni mill-Istat Membru kkonċernat u approvati minnha.

35 Fil-każ li skema ta' għajnuna ffinanzjata minn taxi allokati, huwa d-dħul minn dawn it-taxxi li jitqiegħed għad-dispożizzjoni tal-korp inkarigat mill-implimentazzjoni tal-iskema kkonċernata u li jikkostitwixxi għaldaqstant il-"baġit" tal-imsemmija skema, fis-sens tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament Nru 794/2004.

36 Peress li l-iskemi ta' għajnuna inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li ġew awtorizzati mid-deċiżjonijiet tal-2006 u tal-2007, jaqgħu taħt il-kunċett ta' "għajnuna eżistenti", fis-sens tal-Artikolu 1(b)(ii) tar-Regolament Nru 659/1999, għandu jiġi vverifikat jekk, permezz ta' dawn id-deċiżjonijiet, il-Kummissjoni approvatx iż-żieda li d-dħul globali mit-tliet taxxi kiseb matul il-perijodu inkwistjoni.

37 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li, bħala derogi mill-prinċipju ġenerali ta' inkompatibbiltà tal-għajnuna mill-Istat mas-suq intern, stabbilit fl-Artikolu 107(1) TFUE, id-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni li jawtorizzaw skema ta' għajnuna għandhom ikunu interpretati b'mod strett (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tad-29 ta' April 2004, Il-Ġermanja vs Il-Kummissjoni, C-277/00, EU:C:2004:238, punti 20 u 24, kif ukoll tal-14 ta' Ottubru 2010, Nuova Agricast u Cofra vs Il-Kummissjoni, C-67/09 P, EU:C:2010:607, punt 74).

38 Barra minn hekk, skont il-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, għall-interpretazzjoni ta' tali deċiżjonijiet tal-Kummissjoni, ma għandux biss isir eżami tat-testijiet tagħhom, iżda għandu wkoll isir riferiment għan-notifika magħmula mill-Istat Membru kkonċernat (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-20 ta' Mejju 2010, Todaro Nunziatina & C., C-138/09, EU:C:2010:291, punt 31, u tas-16 ta' Diċembru 2010, Kahla Thüringen Porzellan vs Il-Kummissjoni, C-537/08 P, EU:C:2010:769, punt 44, kif ukoll id-digriet tat-22 ta' Marzu 2012, L-Italja vs Il-Kummissjoni, C-200/11 P, mhux ippubblikat, EU:C:2012:165, punt 27). Għaldaqstant, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li l-portata ta' deċiżjoni li tapprova skema ta' għajnuna hija, bħala prinċipju, limitata għall-baġit indikat mill-Istat Membru fl-ittra ta' notifika tiegħu, anki jekk dan il-baġit ma jkunx riprodott fit-test stess ta' din id-deċiżjoni (ara, f'dan is-sens, id-digriet tat-22 ta' Marzu 2012, L-Italja vs Il-Kummissjoni, C-200/11 P, mhux ippubblikat, EU:C:2012:165, punti 26 u 27).

39 Fil-każ ineżami, it-test tad-deċiżjonijiet tal-2006 u tal-2007 jipproduċi espressament l-istimi dwar id-dħul mit-tliet taxxi li ġew innotifikati mill-awtoritajiet Franċiżi lill-Kummissjoni bħala l-baġit tal-iskemi ta' għajnuna inkwistjoni. Għal dak li jirrigwarda, b'mod iktar partikolari, id-deċiżjoni tal-2007, din tindika espressament l-istimi ta' dawn l-awtoritajiet dwar il-konsegwenzi tar-riforma tat-taxxa fuq is-servizzi televiżivi, li essenzjalment hija l-oriġini taż-żieda li d-dħul globali mit-tliet taxxi kiseb matul il-perijodu inkwistjoni. Il-punt 9 ta' din id-deċiżjoni fil-fatt issemmi li, skont dawn l-istimi, din ir-riforma tista', "tasal sabiex tiġġenera żieda tal-kont ta' appoġġ fuq [il-]perijodu ta' [bejn is-snin 2009 u 2011], ta' 2 sa 3 % (bejn EUR 11 miljun u EUR 16.5 miljun) fis-sena". Bl-istess mod, fil-punt 20 tal-imsemmija deċiżjoni, dawn l-estimi ġew invokati mill-ġdid mill-Kummissjoni meta din evalwat l-impatt tal-imsemmija riforma fuq il-kompatibbiltà tal-iskemi ta' għajnuna inkwistjoni fil-kawża prinċipali mas-suq intern.

40 F'dawn iċ-ċirkustanzi, mid-deċiżjonijiet tal-2006 u tal-2007 jirriżulta li d-dħul mit-tliet taxxi jikkostitwixxi element li fuqu l-Kummissjoni bbażat l-approvazzjoni tagħha tal-iskemi ta' għajnuna inkwistjoni u li din l-istituzzjoni ma awtorizzatx żieda ta' dan id-dħul lil hinn mill-istimi nnotifikati lill-Kummissjoni. Konsegwentement, fid-dawl tal-ġurisprudenza ċċitata fil-punti 31, 37 u 38 tas-sentenza preżenti, hemm lok li jitqies li l-portata tal-awtorizzazzjonijiet tal-implimentazzjoni ta' dawn l-istess skemi, mogħtija minn dawn id-deċiżjonijiet, huma limitati, fir-rigward tad-dħul mit-tliet taxxi, għaż-żieda kif ġiet innotifikata lill-Kummissjoni.

41 Madankollu, skont l-indikazzjonijiet tal-qorti tar-rinviju, iż-żieda reali li d-dħul globali mit-tliet taxxi kiseb matul il-perijodu inkwistjoni eċċeda b'mod sinjifikattiv l-istimi pprovduti lill-Kummissjoni, jiġifieri EUR 16.5 miljun fis-sena, fejn din iż-żieda ammontat, skont ir-rapport tal-Qorti tal-Awdituri ċċitat minn din il-qorti, għal medja ta' EUR 67 miljun matul dan il-perijodu. Sa fejn tali żieda tal-baġit meta mqabbel mal-baġit awtorizzat mill-Kummissjoni tista' tinfluwenza l-evalwazzjoni

tal-kompatibbiltà tal-iskemi ta' għajnuna inkwistjoni fil-kawża prinċipali mas-suq intern, hija tikkostitwixxi bidla differenti minn modifika purament formali jew amministrattiva, fis-sens tal-ewwel sentenza tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament Nru°794/2004. Sakemm ma tibqax inferjuri għal-limitu ta' 20 % previst fit-tieni sentenza tal-Artikolu 4(1) ta' dan ir-regolament, tali żieda tikkostitwixxi, għaldaqstant, tibdil lill-għajnuna eżistenti, fis-sens tal-Artikolu 1(ċ) tar-Regolament Nru°659/1999.

42 Sa fejn il-qorti tar-rinviju tistaqsi, f'dawn ir-rigward, dwar ir-rilevanza tal-fatt li skont l-imsemmija argumentazzjoni ma hijiex dovuta għal modifika legali tal-iskemi ta' għajnuna inkwistjoni fil-kawża prinċipali, għandu jitfakkar li l-ewwel sentenza tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament Nru°794/2004 tiddefinixxi l-kunċett ta' "tibdil lill-għajnuna eżistenti" b'mod wiesgħa, bħala li jkopri "xi bidla, minbarra modifikazzjonijiet ta' natura purament formali jew amministrattiva li ma jistux jeffettwaw l-evalwazzjoni tal-kompatibilità tal-miżura ta' l-għajnuna mas-suq [intern]". Hekk kif jirriżulta minn dawn il-kelmiet "xi bidla", din id-definizzjoni ma tistax tiġi limitata għal modifiki legali biss tal-iskemi ta' għajnuna.

43 Barra minn hekk, din id-dispożizzjoni għandha tiġi interpretata fid-dawl tal-għan tas-sistema ta' kontroll peventiv li hija timplimenta, li kif imfakkar fil-punt 30 tas-sentenza preżenti, jikkonsisti f'li tiġi implimentata biss għajnuna li hija kompatibbli mas-suq intern. Issa, żieda tal-baġit ta' skema ta' għajnuna jista' jkollha impatt fuq l-evalwazzjoni tal-kompatibbiltà tagħha mas-suq intern, indipendentement mill-punt dwar jekk din il-bidla hijiex jew le dovuta għal modifika legali tal-iskema ta' għajnuna kkonċernata.

44 L-osservanza neċessarja tal-prinċipju ta' ċertezza legali lanqas ma tostakola li ż-żieda tal-baġit ta' skema ta' għajnuna meta mqabbel mal-baġit awtorizzat mill-Kummissjoni titqies, f'ċirkustanzi bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li hija tibdil lill-għajnuna eżistenti, fis-sens tal-Artikolu 108(3) TFUE.

45 Fil-fatt, mill-premessa 4 tar-Regolament Nru°794/2004 jirriżulta li huwa preċiżament għal raġunijiet ta' ċertezza legali li t-tieni sentenza tal-Artikolu 4(1) ta' dan ir-regolament tiffissa limitu preċiż li, ladarba jinqabeż, żieda tal-baġit ta' skema ta' għajnuna ma hijiex meqjusa li hija tibdil lill-għajnuna eżistenti. Billi ffissat dan il-limitu f'livell pjuttost għoli ta' 20 %, din id-dispożizzjoni tipprevedi marġni ta' sigurtà li jieħu biżżejjed kont tal-inċertezzi marbuta mal-applikazzjoni tal-kontroll preventiv stabbilit fl-Artikolu 108(3) TFUE għal skemi ta' għajnuna li l-baġit tagħhom ivarja, bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali.

46 Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li Stat Membru ma jistax jinvoka l-prinċipju ta' ċertezza legali sabiex jiddevja mill-informazzjoni li huwa pprovda lill-Kummissjoni fil-kuntest tan-notifika ta' skema ta' għajnuna u li fuqha tiddependi l-portata tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tawtorizza din l-iskema, iżda għall-kuntrarju, għandu jieħu kont ta' din l-informazzjoni u jiżgura li l-imsemmija skema tiġi implimentata f'konformità magħha (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-16 ta' Diċembru 2010, Kahla Thüringen Porzellanvs Il-Kummissjoni, C-537/08 P, EU:C:2010:769, punt 47).

47 Barra minn hekk, għandu jiġi rrilevat li, fil-każ ineżami, fid-dokument tal-Kummissjoni intitolat "Awtorizzazzjoni ta' l-għajnuna Statali fil-qafas tad-Dispożizzjonijiet ta' l-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat tal-KE — Fir-rigward ta' dawn il-każijiet il-Kummissjoni ma tqajjimx oġġezzjonijiet" u ppubblikat f' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* (ĠU 2007, C 246, p. 1), l-istimi tal-awtoritajiet Franċiżi rigward iż-żieda tad-dħul mit-tliet taxxi wara r-riforma tat-taxxa fuq is-servizzi televiżivi ġew ippreżentati bħala li huma l-"baġit" tal-għajnuna awtorizzata. Madankollu, fis-sistema ta' kontroll preventiv stabbilita fl-Artikolu 108(3) TFUE, la l-Istat Membru kkonċernat u lanqas il-benefiċjarji ta' skema ta' għajnuna ma jistgħu jinvokaw b'mod raġonevoli aspettattivi leġittimi li deċiżjoni ta' awtorizzazzjoni hija affidabbli lil hinn mid-deskrizzjoni tal-miżura kif ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-14 ta' Ottubru 2010, Nuova Agricast u Cofra vs Il-Kummissjoni, C-67/09 P, EU:C:2010:607, punti 72 sa 74).

48 Il-qorti tar-rinviju tistaqsi wkoll dwar il-lezzjonijiet li għandhom jitnisslu, għall-kawża inkwistjoni fil-kawża prinċipali, mis-sentenza tad-9 ta' Awwissu 1994, Namur-Les assurances du crédit (C-44/93, EU:C:1994:311), li fiha l-Qorti tal-Ġustizzja essenzjalment iddeċidiet li l-estensjoni tal-kamp ta' attività ta' stabbiliment pubbliku li kien jibbenefika minn għajnuna mogħtija mill-Istat permezz ta' leġiżlazzjoni ta' qabel id-dħul fis-seħħ tat-Trattat KEE ma setgħetx titqies li hija tibdil lill-għajnuna eżistenti, peress li din l-estensjoni ma kinitx affettwat l-iskema ta' għajnuna stabbilita minn din il-leġiżlazzjoni.

49 Madankollu, din il-ġurisprudenza ma tistax tiġi adottata għall-kawża inkwistjoni fil-kawża prinċipali. Fil-fatt, l-estensjoni tal-kamp ta' attività tal-benefiċjarju tal-għajnuna inkwistjoni fil-kawża li wasslet għas-sentenza tad-9 ta' Awwissu 1994, Namur-Les assurances du crédit (C-44/93, EU:C:1994:311), li ma affettwatx l-iskema ta' għajnuna stabbilita mil-leġiżlazzjoni kkonċernata, ma hijiex paragunabbli maż-żieda tal-baġit tal-iskemi ta' għajnuna inkwistjoni fil-kawża prinċipali, peress li din iż-żieda biss affettwat direttament l-iskemi ta' għajnuna inkwistjoni.

50 Minn dan isegwi li żieda tad-dħul mit-taxxi li jiffinanzja diversi skemi ta' għajnuna awtorizzati meta mqabbel mal-istimi nnotifikati lill-Kummissjoni, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, tikkostitwixxi tibdil lill-għajnuna eżistenti, fis-sens tal-Artikolu 1(ċ) tar-Regolament Nru°659/1999 u tal-ewwel sentenza tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament Nru°794/2004, moqrija fid-dawl tall-Artikolu 108(3) TFUE, sakemm din iż-żieda ma tibqax inferjuri għal-limitu ta' 20 % previst fit-tieni sentenza tal-Artikolu 4(1) ta' dan ir-regolament tal-aħħar.

51 Għal dak li jikkonċerna l-kalkolu tal-imsemmi limitu f'ċirkustanzi bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali, mill-kliem stess tat-tieni sentenza tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament Nru°794/2004 jirriżulta li żieda tal-"baġit inizjali" ta' skema ta' għajnuna eżistenti li ma jeċċedix 20 % ma hijiex meqjusa bħala li hija tibdil lill-għajnuna eżistenti. Għaldaqstant, il-limitu ta' 20 % previst f'din id-dispożizzjoni huwa relatat mal-"baġit inizjali" tal-iskema ta' għajnuna kkonċernata, jiġifieri mal-baġit tal-iskema kif awtorizzata mill-Kummissjoni.

52 Barra minn hekk, mill-punti 28 sa 35 tas-sentenza preżenti jirriżulta li, fil-każ, bħall-każ ineżami, li skema ta' għajnuna eżistenti ffinanzjata minn taxxi allokati, il-baġit inizjali ta' din l-iskema huwa ddeterminat mill-istimi tad-dħul fiskali allokat, hekk kif kien awtorizzat mill-Kummissjoni. Għaldaqstant, meta jinqabeż il-limitu ta' 20 %, dan għandu jiġi evalwat b'relazzjoni ma' dan id-dħul, u mhux b'relazzjoni mal-għajnuna effettivament allokata.

53 Fil-każ ineżami, mid-deċiżjonijiet tal-2006 u tal-2007 jirriżulta li fir-rigward tad-dħul annwali mit-tliet taxxi, il-Kummissjoni awtorizzat ammont massimu ta' madwar EUR 557 miljun. Madankollu, mir-rapport tal-Qorti tal-Awdituri, li tirreferi għalih il-qorti tar-rinviju fit-talba għal deċiżjoni preliminari, jirriżulta li matul il-perijodu inkwistjoni, l-ammont tad-dħul annwali minn dawn it-taxxi żdied sa madwar EUR 806 miljun għas-sena 2011, b'mod partikolari minħabba ż-żieda sinjifikattiva tad-dħul mit-taxxa fuq is-servizzi televiżivi, li għadda minn EUR 362 miljun għas-sena 2007 għal EUR 631 miljun għas-sena 2011. Għaldaqstant jidher li ż-żieda li l-baġit tal-iskemi ta' għajnuna inkwistjoni fil-kawża prinċipali kiseb matul dan il-perijodu meta mqabbel mal-baġit awtorizzat fid-deċiżjonijiet tal-2006 u tal-2007 jeċċedi b'mod sinjifikattiv il-limitu ta' 20 %, filwaqt li jiġi kkjarifikat li s-sena li matulha dan il-limitu nqabeż għandha tiġi ddeterminata mill-qorti tar-rinviju.

54 F'dan ir-rigward, għal dak li jikkonċerna t-tqegħid fir-riżerva ta' parti mid-dħul taċ-CNC, invokat mill-qorti tar-rinviju, jider li mill-proċess li għandha l-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li dan ma kellux l-effett li jalloka mill-ġdid l-ammont ikkonċernat għal miżura li hija differenti minn dawk li għandhom il-karatteristiċi kollha ta' għajnuna, fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE, iżda dan għandu jiġi vverifikat mill-qorti tar-rinviju.

55 Fin-nuqqas ta' tali allokazzjoni mill-ġdid li tippermetti li d-dħul mit-tliet taxxi jitnaqqas mill-baġit tal-iskemi ta' għajnuna kkonċernati, tqegħid fir-riżerva jħalli dan id-dħul għad-dispożizzjoni tal-korp inkarigat mill-implimentazzjoni ta' dan l-iskemi għall-finijiet tal-ħlas ta' għajnuna individwali, inkwantu l-uniku effett ta' dan it-tqegħid fir-riżerva jikkonsisti, hekk kif enfasizzat il-Kummissjoni matul is-seduta, f'li jiġi pospost dan il-ħlas. Peress li l-imsemmi dħul jibqa' għaldaqstant jaqa' taħt dan il-baġit, tali tqegħid fir-riżerva ma jistax, fih innifsu, jimmina l-fatt li nqabeż il-limitu ta' 20 % previst fit-tieni sentenza tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament Nru 794/2004.

56 Għal dak li jirrigwarda l-imposti favur il-baġit ġenerali tal-Istat, imsemmija wkoll mill-qorti tar-rinviju, għandu jiġi osservat li, skont l-indikazzjonijiet li jinsabu fil-proċess li għandha il-Qorti tal-Ġustizzja, jidher li, matul il-perijodu inkwistjoni, ammont ta' EUR 20 miljun biss ġie allokat mill-ġdid għal dan il-baġit mill-Parlament Franċiż, fix-xahar ta' Diċembru 2010, għas-sena 2011. Issa, fid-dawl tal-informazzjoni inkuża fir-rapport tal-Qorti tal-Awdituri, imsemmija fil-punt 53 tas-sentenza preżenti, jidher li, anki jekk jittieħed kont ta' din l-allokazzjoni mill-ġdid, iż-żieda li l-baġit tal-iskemi ta' għajnuna inkwistjoni fil-kawża prinċipali kiseb matul dan il-perijodu, meta mqabbel mal-baġit awtorizzat fid-deċiżjonijiet tal-2006 u tal-2007, jeċċedi l-limitu ta' 20 %.

57 Konsegwentement, bla ħsara għall-verifika mill-qorti tar-rinviju, jidher li s-sempliċi tqegħid fir-riżerva ta' parti mid-dħul taċ-CNC, mingħajr allokazzjoni mill-ġdid tal-ammont ikkonċernat għal finijiet oħrajn differenti mill-għoti tal-għajnuna, l-istess bħall-imposta favur il-baġit ġenerali tal-Istat li nġabret matul il-perijodu inkwistjoni, ma humiex tali li jimminaw l-eżistenza ta' żieda tal-baġit tal-iskemi ta' għajnuna inkwistjoni fil-kawża prinċipali, matul dan il-perijodu, meta mqabbel mal-baġit awtorizzat fid-deċiżjonijiet tal-2006 u tal-2007, li jeċċedi l-limitu ta' 20 % previst fit-tieni sentenza tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament Nru°794/2004.

58 Kif jirriżulta mill-punt 23 tas-sentenza preżenti, din il-konklużjoni hija, madankollu, mingħajr ħsara għall-evalwazzjoni li għandha tagħmel il-qorti tar-rinviju dwar it-tqegħid fir-riżerva ta' parti mid-dħul taċ-CNC u dwar l-imposta favur il-baġit ġenerali tal-Istat li nġabret matul il-perijodu inkwistjoni, fil-kuntest tal-eżami tal-eżistenza ta' rabta ta' allokazzjoni vinkolanti bejn it-tliet taxxi u l-iskemi ta' għajnuna inkwistjoni.

59 Għaldaqstant, bla ħsara għal din il-verifika, fil-kuntest tas-sistema ta' kontroll preventiv stabbilit mill-Artikolu 108(3) TFUE, żieda tal-baġit ta' dawn l-iskemi meta mqabbel mal-baġit awtorizzat mill-Kummissjoni, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, kellha tiġi nnotifikata lilha fi żmien effettiv, jiġifieri hekk kif l-awtoritajiet Franċiżi setgħu raġonevolment jipprevedu li l-imsemmi limitu ta' 20 % kien ser jinqabeż.

60 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti, ir-risposta għad-domani preliminari għandha tkun li żieda tad-dħul mit-taxxi li jiffinanzjaw diversi skemi ta' għajnuna awtorizzati meta mqabbel mal-istimi nnotifikati lill-Kummissjoni, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, tikkostitwixxi tibdil lill-għajnuna eżistenti, fis-sens tal-Artikolu 1(ċ) tar-Regolament Nru 659/1999 u tal-ewwel sentenza tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament Nru 794/2004, moqri fid-dawl tal-Artikolu 108(3) TFUE, sakemm din iż-żieda ma tibqax inferjuri għal-limitu ta' 20 %, previst fit-tieni sentenza tal-Artikolu 4(1) ta' dan ir-regolament tal-aħħar. Dan il-limitu għandu jiġi evalwat, f'sitwazzjoni bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, f'relazzjoni mad-dħul allokat lill-iskemi ta' għajnuna kkonċernati u mhux b'relazzjoni mal-għajnuna effettivament allokata.

Fuq il-limitazzjoni tal-effetti ratione temporis tas-sentenza preżenti

61 Għal dak li jirrigwarda t-talba tal-Gvern Franċiż li l-effetti tas-sentenza preżenti jiġu limitati *ratione temporis*, għandu jitfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita, l-interpretazzjoni li l-Qorti tal-Ġustizzja tagħti ta' regola tad-dritt tal-Unjoni, fl-eżerċizzju tal-ġurisdizzjoni mogħtija lilha mill-Artikolu 267 TFUE, għandha tiċċara u tispeċifika t-tifsira u l-portata ta' din ir-regola, hekk kif

għandha jew kif kellha tinftiehem u tiġi applikata mid-data tad-dħul fis-seħħ tagħha. Minn dan isegwi li r-regola hekk interpretata tista', u għandha, tiġi applikata mill-qrati stess għal rapporti ġuridiċi li jinħolqu u jiġu stabbiliti qabel ma tingħata s-sentenza li tiddeċiedi fuq it-talba għall-interpretazzjoni jekk, barra minn hekk, il-kundizzjonijiet sabiex titressaq tilwima dwar l-applikazzjoni ta' dik ir-regola quddiem il-qrati kompetenti jiġu ssodisfatti (sentenza tad-29 ta' Settembru 2015, Gmina Wrocław, C-276/14, EU:C:2015:635, punt 44 u l-ġurisprudenza ċċitata).

62 Huwa biss f'każijiet eċċezzjonali ferm li l-Qorti tal-Ġustizzja tista', b'applikazzjoni ta' prinċipju ġenerali ta' ċertezza legali inerenti għall-ordinament ġuridiku tal-Unjoni, tillimita l-possibbiltà għal kull persuna kkonċernata li tinvoka dispożizzjoni li hija tkun interpretat bil-għan li timmina relazzjonijiet ġuridiċi stabbiliti in *bona fide*. Sabiex tali limitazzjoni tkun tista' tiġi stabbilita, huwa neċessarju li żewġ kriterji essenzjali jiġu ssodisfatti, jiġifieri l-*bona fide* tal-persuni kkonċernati u r-riskju ta' diffikultajiet serji (sentenza tad-29 ta' Settembru 2015, Gmina Wrocław, C-276/14, EU:C:2015:635, punt 45 u l-ġurisprudenza ċċitata).

63 Fil-każ ineżami, il-Gvern Franċiż ma jipprovax li l-konstatazzjoni, mill-qorti tar-rinviju, wara s-sentenza preżenti, ta' ksur tal-Artikolu 108(3) TFUE twassal għal riskju ta' diffikultajiet serji.

64 Konsegwentement, u mingħajr ma huwa neċessarju li jiġi vverifikat jekk il-kriterju dwar il-*bona fide* tal-persuni kkonċernati huwiex issodisfatt, ma hemmx lok li l-effetti tas-sentenza preżenti jiġu limitati *ratione temporis*.

Fuq l-ispejjeż

65 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Ir-Raba' Awla) taqta' u tiddeċiedi:

Żieda tad-dħul mit-taxxi li jiffinanzjaw diversi skemi ta' għajnuna awtorizzati meta mqabbel mal-istimi nnotifikati lill-Kummissjoni Ewropea, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, tikkostitwixxi tibdil lill-għajnuna eżistenti, fis-sens tal-Artikolu 1(ċ) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999 tat-22 ta' Marzu 1999 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' l-Artikolu [108 TFUE] u tal-ewwel sentenza tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 794/2004 tal-21 ta' April 2004 li implimenta r-Regolament tal-Kunsill Nru 659/1999, moqri fid-dawl tal-Artikolu 108(3) TFUE, sakemm din iż-żieda ma tibqax inferjuri għal-limitu ta' 20 %, previst fit-tieni sentenza tal-Artikolu 4(1) ta' dan ir-regolament tal-aħħar. Dan il-limitu għandu jiġi evalwat, f'sitwazzjoni bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, f'relazzjoni mad-dħul allokat lill-iskemi ta' għajnuna kkonċernati u mhux b'relazzjoni mal-għajnuna effettivament allokata.

Firem